MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1023/2009

Express Trailers Limited.

Vs

Jesmond Tong.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi (i) l-intimat kien impjegat bhala *driver* tat-*trailers* taghha; (ii) illi l-intimat naqas milli jirrapporta ghax-xoghol fit-23 ta' Frar 2009 u wara, b'konsegwenza li l-impieg tieghu gie terminat; (iii) illi s-socjeta' attrici kif kienet taghmel regolarment, kienet gja hallset lill-intimat ammont ta' flus sabiex ikopri l-ispejjes li kellu jaghmel matul il-vjaggi li fil-fatt huwa qatt ma ghamel peress li ma rrappurtax ghax-xoghol; (iv) illi s-socjeta' attrici kienet hallset lis-socjeta' tat-telefonija cellulari Vodafone Malta Limited ammont ta' flus biex ikopru l-ispejjes li kellu jaghmel l-intimat fuq il-vjaggi fuq msemmija u li fil-fatt qatt ma ghamel. Ghaldaqstant is-socjeta' attrici qed titlob lil

dan it-Tribunal sabiex (i) Jiddikjara lill-intimat bhala debitur taghha fl-ammont ta’ elfejn, disa’ mija u wiehed u disghin ewro u sitta u tmenin centezmu (€2,991.86) rapprezentanti flus imhallsa mis-socjeta’ attrici lill-intimat u lil terzi f’isem l-intimat sabiex ikopru l-ispejjes li kellu johrog l-intimat waqt li kien qed jaghmel xoghol ghas-socjeta’ attrici, izda liema spejjes l-intimat qatt ma ghamel stante li ma wettaqx ix-xoghol li kellu jaghmel ghas-socjeta’ attrici; u (ii) jordna lill-intimat ihallas l-istess somma ta’ €2,991.86 lis-socjeta’ attrici, flimkien ma l-interessi mid-data tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi, kontra l-intimat.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallasha s-somma ta’ elfejn, disa’ mija u wiehed u disghin ewro u sitta u tmenin centezmu (€2,991.86), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------